MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 965/2009

**Emanuel Xuereb**

**(I.D. Numru 318564 M)**

**vs**

**Robert Camilleri**

**(I.D. Numru 343680 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat is-7 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikat sintetikament espona is-segwenti:

1.1 Illi filghodu kmieni tat-18 t'April, 2009, fi Pjazza Saqqajja, r-Rabat, waqt li hu kien ipparkjat bil-vettura tat-tip *"Ford Ka"* bin-numru TAZ – 210, il-vettura tat-tip *"Mitsubishi"* bin-numru KBL – 512 misjuga mill-intimat baqghet diehla minn wara fuq il-vettura tar-rikorrenti;

1.2 Illi fil-hin tal-incident ir-rikorrenti kien fil-vettura tieghu;

1.3 Illi l-incident *de quo* sar unikament bi traskuragni, negligenza, imperizja, velocita` eccessiva u b'nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat;

1.4 Illi rizultat tal-impatt fuq deskritt, il-vettura tar-rikorrenti intefghet fil-karreggjata opposta u ddahhlet f' *"Opel Corsa"* bin-numru ABG – 498 li kienet ipparkeggjata n-naha l-ohra tat-triq;

1.5 Illi rizultat tal-istess, ir-rikorrenti garrab danni kbar konsistenti anke:

1.5.1. Fi sfregju permanenti f'wiccu;

1.5.2. F'debilita` permanenti;

1.5.3. F'telf t'introjtu, *stante* li ma setghax imur ghax xoghol ghal diversi granet;

1.5.4. Il-vettura tar-rikorrenti giet dikjarata *"beyond economical repair"*;

1.6 Illi ghalkemm interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnhu ikkagunati fuq ir-rikorrenti, l-intimat baqa` inadempjenti u ghalhekk ir-rikorrenti kien kostrett jintavola din il-procedura;

1.7 Illi ghaldaqstant aderixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li l-intimat hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina fuq indikat;

1.7.2. Tiddikjara lill-intimat responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-istess;

1.7.3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

1.7.4. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

1.7.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghax skont il-ligi kontra l-istess intimat;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-13 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 36);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata is-6 t'April, 2010, li permezz taghha l-intimat sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

3.1. Illi hu minnhu li kien involut fl-incident in dizamina;

3.2. Illi t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba` (4) paragrafi tar-rikors guramentat promotur, (ara foll 2), m'humiex minnhom *stante* li l-incident *de quo* ma sehhx tort u htija tal-intimat;

3.3. Illi l-incident in dizamina sehh tort tar-rikorrenti *stante* li wara li kien waqaf fil-genb tat-triq rega` hareg il-barra minghajr pre-avviz u b'mod traskurat biex jaqsam fuq in-naha l-ohra tat-triq;

3.4. Illi permezz tal-manuvra indikata fil-paragrafu precedenti r-rikorrenti ostakola il-passagg liberu tal-intimat u grat il-habta;

3.5. Illi biex ir-rikorrenti effettwa l-manuvra fuq indikata lanqas biss ghamel xi *indicator*;

3.6. Illi b'referenza ghall-hames (5) paragrafu tar-rikors guramentat promotur, (ara foll 2), ir-rikorrenti ma kienx liebes *seat belt* meta sehh l-incident;

3.7. Illi kien proprju ghalhekk li r-rikorrenti sofra griehi ta' natura hafifa f'wiccu;

3.8. Illi l-imsemmija griehi indikati fil-paragrafu precedenti ma jwasslux ghall-debilita` ta' natura permanenti fil-grad ta' tlieta fil-mija (3%) kif allegat mir-rikorrenti *stante* s-segwenti:

3.8.1. Ic-certifikat mediku rilaxxat sar proprju xahar wara l-incident u ghalhekk kmieni wisq;

3.8.2. Illi l-konsulent mediku involut naqas jiehu l-*"weighted average"* meta wasal ghall-konkluzjoni tieghu dwar id-debilita` *"o meno"* riskontrata;

3.9. Illi l-griehi li sofra r-rikorrenti peress li ma kienx liebes *seat belt* huma *self inflicted*;

3.10. Illi ghalhekk l-ebda danni m'hu dovut lir-rikorrenti;

3.11. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-24 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu, wara rikors konguntiv tal-partijiet datat l-20 t'Ottubru, 2011, hatret espert mediku hemm indikat biex jivvaluta il-persentagg tal-griehi permanenti sofferti mir-rikorrenti, (ara foll 121 sa 123);

5. Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku fuq riferit datata l-20 ta' Frar, 2012, u pprezentata in atti fit-8 ta' Mejju, 2012, (ara foll 131 *et sequitur*), flimkien mal-eskussjoni tieghu, (ara foll 159);

6. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-26 ta' Novembru, 2013, u kif sussegwentement varjat minn din il-qorti kif issa preseduta, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 158 u 165);

7. Rat l-ordni ta' trasferiment ta' kawzi datat it-13 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu l-kawza odjerna giet trasferita b'effett immedjat lil din il-qorti kif issa preseduta;

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-5 ta' Marzu, 2014, (ara foll 167);

9. Rat ir-risposta tal-intimat datata t-18 ta' Marzu, 2014, (ara foll 172);

10. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-4 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu iddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghan-noti minnhom ipprezentati, (ara foll 177);

11. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, ix-xhieda kollha migbura mill-qorti diversament preseduta u mill-assistent gudizzjarju fuq riferita, flimkien d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

12.1. Illi ghall-habta tas-1.00 a.m. tat-18 t'April, 2009, ir-rikorrenti kien is-Saqqajja, ir-Rabat, jistenna fil-karozza tieghu fuq indikata biex jigbor lil bintu, (ara foll 58);

12.2. Illi meta r-rikorrenti waqaf fil-genb, vicin il-linja medjana tat-triq, (ara foll 70), ihares lejn l-Imdina, kien ghadu mlibbes ic-cinturin tas-sigurta`, kellu l-*hazard lights* tal-vettura tieghu mixghulin u bil-vettura ghada startjata, (ara foll 58 u 149);

12.3. Illi fi zmien t'anqas minn zewg (2) minuti r-rikorrenti hass daqqa minn wara u ntilef minn sensieh, (ara foll 58);

12.4. Illi b'effett tal-istess daqqa l-vettura tar-rikorrenti inbaghtet ghal diversi metri fuq il-karreggjata opposta u thabbtet ma' vettura ohra bin-numru ABG – 498 li kienet ipparkjata, (ara foll 9 u 74);

12.5. Illi rizultat tal-impatt ir-rikorrenti ittiehed l-isptar, (ara foll 58, 69 u 74);

12.6. Illi effett tal-istess impatt ir-rikorrenti wegga ghajnejh il-leminija, ghamel sebgha u ghoxrin (27) punt, fosthom anke f'ghajnejh u kien kostrett jiehu gimgha *"sick leave"*, (ara foll 58 u 59);

12.7. Illi bint ir-rikorrenti finalment issostni li meta l-intimat habat fuq in-naha ta' wara tal-vettura tar-rikorrenti lanqas biss zamm *brake*, (ara foll 60);

12.8. Illi finalment bint ir-rikorrenti xhud, okulari li kienet hemm fil-hin tal-incident, issostni s-segwenti: (ara foll 60 u 61)

12.8.1. Illi rat lill-intimat jahbat fuq in-naha ta' wara tal-vettura ta' missierha;

12.8.2. Illi l-intimat lanqas biss zamm *brake* biex jimminimizza l-inpatt;

12.8.3. Illi fil-hin tal-impatt missierha kien ghadu liebes ic-cinturin tas-sigurta` u kien ghad kellu d-dwal tal-vettura tieghu mixghulin;

12.8.4. Illi meta l-intimat hareg mill-vettura tieghu u mar ikellem lis-sinistrat semghatu jiskuza ruhhu u jghid il-kliem “ma rajtux”;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi min-naha tieghu l-intimat issostni sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi hu kien gej lejn is-Saqqajja minn San Giljan;

13.2. Illi kif wasal hdejn il-Bank li hemm fl-inhawi f’daqqa wahda ra karozza taqsam u taghmel *u turn* biex tmur fejn il-venda tal-karozzi tal-linja;

13.3. Illi l-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh kif dik tar-rikorrenti qasmet it-triq;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi tenut kont tal-versjonijiet differenti fuq sintetikament elenkati ghandu jinghad is-segwenti:

14.1. Illi l-hsarat sofferti mill-vetturi tal-kontendenti ma javallawx il-versjoni tal-intimat u minflok jikkorroboraw il-versjoni tar-rikorrenti;

14.2. Illi kieku l-fatti graw kif postulati mill-intimat kieku l-hsarat riskontrati fil-vettura tar-rikorrenti kienu jkunu differenti minn dawk riskontrati u kienu jkunu aktar lejn il-genb tal-lemin tal-vettura milli fuq in-naha ta’ wara taghha kif irrizulta, (ara foll 70, 9 u 76);

14.3. Illi ghalhekk il-versjoni tal-intimat qed tigi skartata;

14.4. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li r-responsabbilita` tal-incident hi ghal kollox tal-intimat u dan, tenut kont:

14.4.1. Tal-velocita` riskontrata rivelata mid-danni kospikwi sofferti mill-vetturi in dizamina u mill-fatt li dik tar-

rikorrenti intremiet diversi metri l-quddiem sakemm habtet ma' vettura ohra;

14.4.2. Illi l-intimat lanqas biss irreagixxa ghall-vettura tar-rikorrenti *stante* li lanqas biss zamm *break* biex jipprova jimmitiga l-impatt;

14.4.3. Illi jirrizulta wkoll li l-intimat lanqas irreagixxa ghad-dwal tal-vettura tar-rikorrenti;

14.4.4. Illi *a tempo vergine* ammetta ir-responsabbilitajiet tieghu u afferma li addirittura lanqas biss kien ra l-vettura tar-rikorrenti – haga li konducent ghandu dejjem ikollu *"proper look out"* biex ikun jaf ezatt x'hemm fit-triq li jkun qed isuq fiha;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi skont l-espert mediku nominat jirrizulta is-segwenti:

15.1. Illi wara *CT Scan* tal-kranju u tal-mohh tar-rikorrenti irrizulta li rizultat tal-incident dan kellu frattura tal-*maxilla* tal-lemin u haematoma fis-sinus, (ara foll 132);

15.2. Illi ghandu nuqqas ta' sensazzjoni fuq in-naha tal-lemin tal-wicc, (ara foll 132);

15.3. Illi wahda mic-cikatrici f'wicc ir-rikorrent iddejqu ghaliex tidher, (ara foll 132);

15.4. Illi l-*maxilla* fieqet u ma halliet l-ebda hsara;

15.5. Illi d-dizabilita` permanenti riskontrata a konsegwenza tal-isfregju minuri fuq konstratat hu kalkolat fl-ammont ta' wiehed fil-mija, (1%);

15.6. Illi din il-qorti m'ghandha l-ebda oggezzjonijiet fir-rigward u qed tadotta u taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet tal-espert mediku *de quo*;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi rigward id-danni sofferti mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1. ***Lucrum Cessans***:

16.1.1. Illi skont id-dokumentazzjoni rigwardanti is-salarju percepit mir-rikorrenti jirrizulta li hemm qbil fir-rigward bejn il-kontendenti;

16.1.2. Illi ghalhekk in-*net income* percepit mir-rikorrenti qed jittiehed li hu ta’ tlettax -il elf tmin mija u tletin Ewro, (€13,830.00), annwi, kif *del resto* hu wkoll indikat mill-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti fin-nota ta’ sottomissjonijiet minnha pprezentata, (ara foll 170);

16.1.3. Illi *stante* li r-rikorrenti kellu l-eta` ta’ hamsa u tletin sena, (35), il-*multiplier* li qieghed jigi adoperat hu ta’ hamsa u ghoxrin, (25);

16.1.4. Illi tenu kont tar-relazzjoni medika fuq riferita, il-persentagg ta’ dizabilita` li qed tittiehed hi ta’ wiehed fil-mija, (1%);

16.1.5. Illi qieghed ukoll jittiehed in konsiderazzjoni l-awment rizultanti mill-gholi tal-hajja, u dan, fl-ammont ta’ mitejn u tnejn u erbghin Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€242.32);

16.1.6. Illi finalment, tenut kont tal-*lump sum payment* hawn cirkoskritt, qed jitnaqqas l-ammont t’ghaxra fil-mija, (10%), involut;

16.1.7. Illi l-ammont involut ghalhekk jammonta ghal tlett elef tmin mija u sitt Ewro, (€3,806.00);

16.2. **Dannum Emergens:**

16.2.1. Illi rizultat tal-incident *de quo* il-vettura proprjeta` tar-rikorrenti giet ikkunsidrata *“beyond economic repair”* bil-parir li tigi skrappjata;

16.2.2. Illi l-vettura *de quo* kellha *"pre-accident value"* ta' tlett elef Ewro, (€3,000.00);

16.2.3. Illi *di piu`* skont ircevuti pprezentati in atti, u mhux kontestati mill-intimat, jirrizulta li dawn komplessivament jammontaw ghal mitejn u sitt Ewro u hamsin centezmu, (€206.50), (ara foll 145, 24 u 25);

16.2.4. Illi l-ammont involut ghalhekk jammonta ghal tlett elef, mitejn u sitt Ewro u hamsin centezmu, (€3,206.50);

Ikkunsidrat:

17. Illi in vista tal-premess l-ammont komplessiv hekk hawn fuq likwidat allura jammonta ghal sebghat elef u tnax -il Ewro u hamsin centezmu, (€7,012.50);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li ghar-ragunijiet esposti tirrespingi it-twegibijiet tal-intimat, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk:

**DECIDE:**

18.1. Tiddikjara li l-intimat Robert Camilleri hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li sehh fis-1.00 a.m. tat-18 t'April, 2009, fi Pjazza Saqqajja, ir-Rabat, bejn il-vetturi TAZ – 210 tal-marka *"Ford Ka"* tar-rikorrenti u dik tal-marka vann *"Mitsubishi"* bin-numru KBL – 512 misjuq mill-istess intimat;

18.2. Tiddikjara lill-intimat fuq indikat responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-istess incident indikat fil-paragrafu precedenti;

18.3. Tillikwida d-danni komplessivi kollha sofferti mir-rikorrenti fuq indikat fl-ammont ta' sebghat elef u tnax –il Ewro u hamsin centezmu, (€7012.50);

18.4. Tikkundanna lill-intimat Robert Camilleri biex ihallas lir-rikorrenti Emanuel Xuereb l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti;

18.5. Bl-ispejjez kollha kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghax skont il-ligi mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur, (is-7 t'Ottubru, 2009), sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-imsemmi intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------